MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1030/2004

**Korporazzjoni Enemalta**
**vs**
**V & C Contractors Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Mejju, 2004, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sitta u tletin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm236.53) in linea ta' danni minnha sofferti nhar il-11 ta' Dicembru, 2002 gewwa Triq il-Misrah, Rabat ;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta'Awissu, 2003 u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata fis-27 ta' Mejju, 2004 fejn intqal :**

**i. illi t-talba attrici ghandi tigi michuda stante li mhux minnu illi s-socjeta` konvenuta kkawzat l-allegati danni fid-data u l-post indikati fit-talba ;**
**ii. illi fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, s-socjeta` attrici ghandha ggib il-prova tad-danni allegatament subiti u l-valur ta’ l-istess danni ;**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta’ David Bonanno, WPS171 Liliana Mifsud u Ronald Vella. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Illi l-kaz jirrigwarda talba ghad-danni allegatament kagunati fuq cable tal-Korporazzjoni attrici mis-socjeta` konvenuta.**
**2. Bhala principju, hija s-socjeta` attrici li trid tipprova li dawn id-danni gew verament kawzati, li gew kawzati mis-socjeta` konvenuta, u jekk tassew jirrizultaw danni l-entita` taghhom u l-valur tad-danni subiti.**
**3. Il-Korporazzjoni attrici in sostenn ta’ dak li qed tallega tellghet bhala xhieda lil David Bonanno technical officer mal-istess Korporazzjoni, u lis-Surgent tal-Pulizija li nvestigat ir-rapport dwar id-danni.**
**4. Skond David Bonanno, fil-11 ta’ Dicembru, 2002 kien dahal rapport li kien hemm xi hsara l-Bahrija. Hu nvestiga l-kaz u sab li kien hemm hsara f’cable li kien intlaqa. Skond Bonanno hemmhekk kienet qed tahdem is-socjeta` konvenuta. Bonanno jghid li sab lil certu Charles Borg, impjegat tas-socjeta` konvenuta, fuq il-post, bil-makkinarju fuq il-cable. Skond l-istess xhud, Borg ma cahadx li laqat il-cable. Bonanno qal ukoll li l-parti fejn kienu ser jahdmu kienet immarkata, u dana skond il-pjanti.**
**5. WPS 171 Liliana Mifusd kienet hadet il-verzjoni ta’ Charles Borg, u dan ammetta li kien laqat il-cable. Skond ma tnizzel fl-okkorrenza : ‘‘Charles Borg…… stated that it was an accidental damage and it**

**occurred due to the fact that the sketch of the electrical cables was not accurat……''**

**6. Ronnie Vella ghall-Korporazzjoni attrici jikkonferma li kien mmarka r-rotta ta' fejn kienu ser jahdmu biex jindika fejn hemm cables. Id-dokumenti Dok JV1 a fol.22 sa 31 tal-process juru dettaljatament fejn hemm il-cable. Fol. 25 juri bic-car il-cable li ntlaqat (Highlighted), liema cable kien indikat.**

**7. Il-konvenut ma ressaq ebda provi biex jirribatti dak li qed jghidu l-atturi. M'hemmx dubbju li kienet tkun essenzjali, biex wiehed jirribatti dak li qed jinghad, ix-xhieda ta' Charles Borg. Pero` dan ma xehedx. Fil-fehma tat-Tribunal gie pruvat li gew kawzati d-danni allegati, gie pruvat li dawn id-danni saru minn impjegat tas-socjeta` konvenuta, u gie pruvat li d-danni huma fl-ammont mitlub (Dok KE1).**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-hsara in kwistjoni kienet tahti s-socjeta` konvenuta, t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' mitejn u sitta u tletin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm236.53).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Awissu, 2003, ghandhom jigu sopportati unikament mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------